MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 526/2008

**GO plc (C-22334)**

**Vs**

**Carmelo u Helen konjugi Micallef**
**(ID-532736-M) u (ID-710933-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta` Lulju, 2008 fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` elf u hamsa u tletin euro u sbatax il-centezmu (Euro1,035.17c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz telefoniku li jgib in-numru 234959 (AC 10050716) kif jirrizulta minn dokumenti annessi u mmarkati Dok. IZY 1 u IZY 2.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi kontra l-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuti datata 31 ta` Ottubru, 2008 fejn ikkontestaw it-talba attrici in vista tal-fatt li preliminarjament it-talba tinsab preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2156 (f) Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta; fit-tieni lok li kellu jigi kjamat in kawza qabel xejn certu Frank Debono li ghandu l-karta ta` l-identita numru 33828 M u fit-tielet lok u fil-meritu li ebda ammont ma kien dovut.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Gie deciz li qabel xejn l-ewwel kellha tigi trattata l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni kif fil-fatt sar.

Sema` t-trattazzjoni orali maghmula mill-konsulenti legali rispettivi fuq din l-ewwel eccezzjoni.

Examina l-provi migjuba fuq l-istess eccezzjoni preliminari fosthom id-dokumenti ezebiti da parti tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidra.

Illi bhala provi migjuba fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti tad-dekors ta` hames snin, is-socjeta` attrici qieghdha tistrieh fuq id-dokumenti ezebiti partikolarment dak li jinsab a fol. 2 tal-process mnejn hemm indikat li kienu saru xi pagamenti akkont markati b`linka hamra li kwindi servew biex interrompew id-dekors ta` l-imsemmi perjodu preskrittiv. Mill-banda l-ohra xehed il-konvenut Carmelo Micallef li bil-gurament tieghu jikkonferma li f'dawn l-ahhar hames snin huwa la rcieva kontijiet minghand is-socjeta` attrici fuq is-servizz in kwistjoni u kwindi wisq anqas effettwa xi pagamenti akkont fuq dan is-servizz.

Illi d-dokument ezebit a fol. 2 tal-process ma jaghti ebda ndikazzjoni dwar min ghamel tali pagament u tenut kont tal-fatt li dan kien qed jigi kontestat mill-konvenut, ma ngabet ebda prova ulterjuri da parti tas-socjeta` attrici dwar l-allegati pagamenti maghmula u wisq anqas l-istess dokument gie konfermat bil-gurament mill-persuna li tkun hadmet dan ir-rendikont in kwistjoni. Barra minnhekk, dan it-Tribunal isibha stramba ferm li kumbinazzjoni kull

allegat pagament li sar kien kull wiehed fis-somma identitka ta` *58.23* u din ic-cirkostanza twassal biex taghti aktar kredtu lill-konvenut u kwindi konferma li fil-fatt ma kienx tassew sar ebda pagament fuq dan il-kont sa mis-sena 1995 u allura l-perjodu preskrittiv qatt ma gie nterrott.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` l-eccezzjoni ta` preksrizzjoni sollevata mill-konvenuti, jiddikjara li t-talba odjerna hija preskritta ai termini ta` l-Artikolu 2156 (f) Kapitolu sittax tal-Ligijiet ta` Malta u konsegwentement jichad it-talba attrici, bl-ispejjez ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------